Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 35/2016

**Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenta ta' GasanMamo Insurance Ltd u bl-istess GasanMamo Insurance Limited – bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assigurat taghha Pierre Buhagiar u l-istess Pierre Buhagiar (appellanti)**

**Vs**

**Malta Industrial Parks Limited; Transport Malta u b'digriet tat-28 ta' Jannar, 2013, kull fejn jirrikorri isem Transport Malta dan gie korrett ghall-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u b'digriet tat-22 ta' April 2013 gie msejjah fil-proceduri l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara (appellati)**

23 ta' Ottubru, 2018.

1. B'decizjoni tat-23 ta' Novembru, 2016 it-Tribunal tal-Arbitragg iddecieda li ma kellux il-kompetenza sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza, peress li l-kaz kien dwar incident li sehh fl-10 ta' Mejju, 2011 fi Triq in-Negozju, Birkirkara li fih il-vettura ta' Pierre Buhagiar allegatament dahlet f'hofra li kien hemm fit-triq, u saritilha l-hsara. L-atturi jippretendu d-danni li jghidu li garrbet il-vettura.

2. Fid-decizjoni t-Tribunal aghmel riferenza ghar-regolament 1.2 tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387) u rraguna:-

*"Peress illi d-disposizzjoni 1.2(a) taghmel riferenza ghal-kollizjoni bejn vetturi, permezz tad-disposizzjoni 1.2(b), partikolarment bl-ghazla tal-kliem "fil-proprjeta li tinvolvi vetturi" (sottolinea mizjuda), il-legislatur ried*

*jiddistingwi 'proprjeta' minn 'vetturi', b'dan illi ried ikopri hsara kkagunata minn vetturi f'proprjeta. Tali interpretazzjoni tohrog b'mod iktar car meta wiehed jara d-disposizzjoni relattiva fit-test ingliz –* ***'any involuntary damage to property involving vehicles'****. Jekk l-intenzjoni tal-legislatur kienet tkopri kwalsiasi hsara relatat' ma vetturi, it-test kien ikun 'any involuntary damage to vehicles' (jew skont it-tezi tar-rikorrenti, 'any involuntary damage to vehicles in motion')".*

3. L-atturi appellaw mis-sentenza bl-aggravju jkun li t-Tribunal applika l-ligi b'mod zbaljat, in kwantu:

   *"Huwa ovvju li l-legislatur ried li jaqghu taht il-kompetenza tac-centru tal-arbitragg anki dawk il-kazi ta' hsarat fil-proprjeta li jinvolvu vetturi imma li jkunu semplicement u biss kollizjonijiet bejn il-vetturi. Sabiex il-paragrafu (b) ma jispiccax kelma mejta, bla ebda effett prattiku u utili, ghaldaqstant, il-kompetenza tal-arbitragg ghandha necessarjament testendi wkoll ghal kazijiet, huma x'inhuma, ta' hsarat "li jinvolvu" vetturi".*

4. Il-qorti diga' kellha okkazzjoni tikkunsidra eccezzjoni bhal din f'kaz simili (**Argus Insurance Agencies Limited nomine et vs Is-Sindku Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar et nomine**, tad-29 ta' Lulju 2016). Fir-rikors tal-appell ma ntqal xejn li jista' jwassal lil din il-qorti biex tibdel il-fehma li esprimiet fl-imsemmija sentenza. Fil-fehma tal-qorti, is-sentenza stess ta' din il-qorti **Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited** tat-23 ta' Ottubru, 2009 hi ta' gwida u tikkonferma li f'dan il-kaz ukoll it-Tribunal tal-Arbitragg ma kellux kompetenza sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza. Hu minnu li dak il-kaz kien jikkoncerna tigrif ta' hajt fuq vettura stazzjonarja. Madankollu, il-qorti taqbel li d-disposizzjoni hawn fuq imsemmija qeghda tikkontempla *"…. Hsara kagonata bl-intervent ta' vettura u mhux hsara li tista' ssehh fuq vettura, hi x'inhi l-fonti taghha".*

5. Konkluzjoni: il-qorti taqbel pefettament mar-ragunament tat-Tribunal tal-Arbitragg u ma ssib l-ebda raguni ghalfejn ghandu jintlaqa' l-appell.

**Ghaldaqstant, tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.